2026/2364

27.10.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/2364

tas-26 ta' Ottubru 2026

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/338 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-provvista lill-Forzi Armati Ukreni ta' tagħmir u pjattaformi militari, imfassla biex iwasslu forza letali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 41(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 ([1]) tistabbilixxi l-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) għall-finanzjament mill-Istati Membri tal-azzjonijiet tal-Unjoni fl-ambitu tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) biex tinżamm il-paċi, jiġu evitati l-kunflitti u tissaħħaħ is-sigurtà internazzjonali skont l-Artikolu 21(2), il-punt (c), tat-Trattat. B'mod partikolari, skont l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, l-EPF trid tintuża għall-finanzjament ta' miżuri ta' assistenza bħal azzjonijiet biex jissaħħu l-mezzi ta' Stati terzi u ta' organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali marbuta ma' kwistjonijiet militari u ta' difiża.

(2) Fit-28 ta' Frar 2022, b'rispons għall-gwerra ta' aggressjoni mill-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/338 ([2]) li stabbiliet miżura ta' assistenza biex tkopri l-finanzjament tal-provvista lill-Forzi Armati tal-Ukrajna ta' tagħmir u pjattaformi militari, imfassla biex iwasslu forza letali.

(3) L-ammont ta' referenza finanzjarja skont id-Deċiżjoni (PESK) 2022/338, kif emendat l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/810 ([3]), huwa ta' EUR 4 120 000 000.

(4) Fis-26 ta' Ottubru 2026, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2026/2363 ([4]), li temenda l-ammont ta' referenza finanzjarja stipulat fid-Deċiżjoni (PESK) 2023/927 ([5]), u nnota li jenħtieġ li l-bqija tal-ammont inizjali ta' referenza finanzjarja stipulat fid-Deċiżjoni (PESK) 2023/927 jiġi allokat lill-miżura ta' assistenza skont id-Deċiżjoni (PESK) 2022/338 biex ikopri l-finanzjament tal-provvista ta' tagħmir militari mfassal biex iwassal forza letali.

(5) Fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni li għaddejja mill-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna, jenħtieġ li għalhekk l-ammont ta' referenza finanzjarja tal-miżura ta' assistenza skont id-Deċiżjoni (PESK) 2022/338 jiżdied b'EUR 1 798 856 325,22 addizzjonali maħsuba biex ikopru l-finanzjament tal-provvista lill-Forzi Armati tal-Ukrajna ta' tagħmir militari mfassal biex iwassal forza letali.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 tat-22 ta' Marzu 2021 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/528 (ĠU L 102, 24.3.2021, p. 14, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2021/509/oj).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/338 tat-28 ta' Frar 2022 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-provvista lill-Forzi Armati Ukreni ta' tagħmir u pjattaformi militari, imfassla biex iwasslu forza letali (ĠU L 60, 28.2.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2022/338/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/810 tat-13 ta' April 2023 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/338 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-provvista lill-Forzi Armati Ukreni ta' tagħmir u pjattaformi militari, imfassla biex iwasslu forza letali (ĠU L 101, 14.4.2023, p. 64, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/810/oj).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/2363 tas-26 ta' Ottubru 2026 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/927 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex jiġu appoġġati l-Forzi Armati Ukreni permezz tal-forniment ta' munizzjon (ĠU L, 2026/2363, 27.10.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/2363/oj).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/927 tal-5 ta' Mejju 2023 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex jiġu appoġġati l-Forzi Armati Ukreni permezz tal-forniment ta' munizzjon (ĠU L 123, 8.5.2023, p. 27, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/927/oj).

(6) Miżuri ta' assistenza jridu jiġu implimentati b'kont meħud tal-prinċipji u r-rekwiżiti stipulati fid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, b'mod partikolari l-konformità mal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK [6], u f'konformità mar-regoli għall-implimentazzjoni tad-dħul u n-nefqa ffinanzjati fl-ambitu tal-EPF.

(7) Il-Kunsill jafferma mill-ġdid id-determinazzjoni tiegħu li jipproteġi, jippromwovi u jiggarantixxi d-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u l-prinċipji demokratiċi u li jsaħħaħ l-istat tad-dritt u l-governanza tajba, f'konformità mal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, mad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u mad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali.

(8) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2022/338 tiġi emendata kif xieraq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fid-Deċiżjoni (PESK) 2022/338, l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(1) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-Miżura ta' Assistenza għandu jkun ta' EUR 5 918 856 325,22.";

(2) il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"3. F'konformità mal-Artikolu 29(5) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, l-amministratur għall-miżuri ta' assistenza jista' jagħmel sejħa għal kontribuzzjonijiet sa EUR 5 918 856 325,22 wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Il-fondi li għalihom għamel sejħa l-amministratur għall-miżuri ta' assistenza għandhom jintużaw biss biex titħallas in-nefqa fi ħdan il-limiti approvati mill-Kumitat tal-Faċilità stabbilit bid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 fil-baġits emendatorji u annwali relatati li jikkorrispondu għall-Miżura ta' Assistenza.

4. In-nefqa relatata mal-implimentazzjoni tal-Miżura ta' Assistenza għandha tkun eliġibbli mill-1 ta' Jannar 2022 u sa data li tiġi ddeterminata mill-Kunsill:

(a) in-nefqa massima eliġibbli mġarrba qabel il-11 ta' Marzu 2022 għandha tkun ta' EUR 446 374 895,54;

(b) l-ammont massimu eliġibbli għall-perjodu mill-11 ta' Marzu 2022 sal-20 ta' Lulju 2022 għandu jkun ta' EUR 1 386 484 776,34;

(c) l-ammont massimu eliġibbli għall-perjodu bejn il-21 ta' Lulju 2022 u t-30 ta' Novembru 2022 għandu jkun ta' EUR 654 326 601,50;

(d) l-ammont massimu eliġibbli għall-perjodu mill-1 ta' Diċembru 2022 sal-10 ta' Frar 2023 għandu jkun ta' EUR 473 000 113,21;

(e) l-ammont massimu eliġibbli għall-perjodu mill-11 ta' Frar 2023 sat-18 ta' Marzu 2023 għandu jkun ta' EUR 159 813 613,41;

(f) l-ammont massimu eliġibbli għall-perjodu mid-19 ta' Marzu 2023 sal-15 ta' April 2023 għandu jkun ta' EUR 303 502 675,17;

(g) l-ammont massimu ta' EUR 1 926 312 719,65 għandu jkun eliġibbli mis-16 ta' April 2023;

[6] Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari (ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99, ELI: http://data.europa.eu/eli/compos/2008/944/oj).

(h) minbarra l-ammonti fis-subparagrafi (a) sa (g), l-ammont massimu ta' EUR 569 040 930,40 għandu jkun eliġibbli mid-9 ta' Frar 2023 sal-31 ta' Mejju 2023 għall-finanzjament tar-rimborż ta' materjal mogħti b'donazzjoni minn stokkijiet eżistenti jew mill-prijoritizzazzjoni mill-ġdid ta' ordnijiet eżistenti mwassla matul dak il-perjodu, fir-rigward ta' munizzjon mill-art għall-art u tal-artillerija u, jekk jintalbu, ta' missili; u,

(i) in-nefqa relatata mal-manutenzjoni u t-tiswija għandha tkun eliġibbli mis-17 ta' Ottubru 2022, u n-nefqa relatata mal-attrezzament mill-ġdid għandha tkun eliġibbli mit-2 ta' Frar 2023.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-26 ta' Ottubru 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

M. HEYDON